***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 361 tal-24 ta' Frar 2016 dwar punti mqajma fil-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-23 ta' Frar dwar *private members' bill* imressqa mill-Onor. Jason Azzopardi**

Fil-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-23 ta' Frar 2016, intalab *ruling* dwar jekk il-Ħamis, allura għada, hijiex ġurnata li jista' jitla' xogħol tan-naħa tal-Oppożizzjoni u wkoll jekk huwa l-każ tistax il-Kamra tibqa' miexja għad-diskussjoni fit-Tieni Qari dwar l-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u li jwaqqaf b'liġi Awtorità dwar l-Għażla għas-Servizzi Ġudizzjarji, imressaq mill-Onor. Jason Azzopardi u moqri għall-Ewwel Darba fis-seduta tal-15 ta' Frar 2016.

Is-Sedja sejra minnufih tagħmel referenza għal dak li nqala' matul din il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u preċiżament meta beda jiġi diskuss l-*item* li jirrigwarda l-mozzjoni privata dwar l-Abbozz imsemmi hawn fuq u nikkwota:

> "Issa niġi għall-mozzjoni privata dwar l-Abbozz li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u li jwaqqaf b'liġi l-awtorità dwar l-għażla għas-servizzi ġudizzjarji. Kif jaf il-Kumitat, l-Ewwel Qari tal-Abbozz imressaq mill-Onor. Jason Azzopardi sar fis-seduta tal-15 ta' Frar. Fl-istess seduta sar ukoll l-Ewwel Qari tal-Abbozz dwar Riformi Kostituzzjonali għall-Qasam tal-Ġustizzja li kien imressaq mill-Gvern. L-Abbozz propost mill-Onor. Jason Azzopardi, kif tafu intom, ġie ppubblikat fid-19 ta' Frar u jien, ovvjament il-Parlament u l-Iskrivan tal-Kamra, bħalma jiġri s-soltu, ngħadduh lill-Avukat Ġenerali għall-parir tiegħu dwar jekk il-liġi tirrikjedix jew le messaġġ tal-President tar-Repubblika u dan kif isir f'kull liġi appena tiġi ppubblikata.
>
> Illum stess waqt li kont qed immexxi s-seduta fit-3.15 p.m. irċevejt ittra bl-Ingliż *by hand*, irċeviha l-Iskrivan tal-Kamra mbagħad għaddihieli, il-parir tal-Avukat Ġenerali datat 23 ta' Frar 2016, li taqra hekk:
>
>> *"Clerk of the House*
>>
>> ***(Re: Bill No 142 entitled "Judicial Services Appointment Authority Act, 2016")***
>>
>> *The above Bill requires the recommendation of the President signified by a Minister (President's message) in terms of Article 73 of the Constitution in that it proposes to increase the retirement age of Judges and Magistrates who are paid out of the Consolidated Fund and also in that it proposes the establishment of a new independent body with potentially extensive tasks which would impose more than a minimal continuing demand on the resources of the Ministry within the portfolio of which it would be placed.*
>>
>> *Given that the Bill was not presented by a Minister and in view of the requirements of Articles 73 and 85 of the Constitution, it is advised that the Bill should be referred to the Cabinet with a view to a decision being communicated to you as to whether the President' s message is to be recommended or otherwise.*
>>
>> *Peter Grech*
>> *Attorney General*".

> Din hija l-ittra li bagħat l-Avukat Ġenerali. Ovvjament inħallihielkom għad-diskussjoni."

Kien hawnhekk li tkellem il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, u fost l-oħrajn qal hekk:

> "Jien meta kont rajt il-Bill tal-Oppożizzjoni nnotajt li l-Oppożizzjoni pproponiet mhux biss bidla fil-metodu tal-ħatra, imma li tiżdied l-età tal-irtirar tal-Ġudikaturi. Issa qed nara dan il-parir tal-Avukat Ġenerali. Jien meta rajtha okkorrietli għax jien kont ippreżentajt *bills*, pereżempju, l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kunsill Malti għall-Arti li wkoll ġie meqjus li huwa *Money Bill* u kont staqsejthom: Għalfejn dan huwa *Money Bill*? U kienu tawni r-raġuni. Jiġifieri din għaddejt minnha jien. U l-Oppożizzjoni meta għamlet dak il-Bill, peress li ddeċidiet li żżid l-età tal-pensjoni, ovvjament ħalliet impatt fuq in-nefqa tal-pajjiż u allura dak tirrendih *Money Bill* u l-Avukat Ġenerali qed jgħid dan, anzi jsemmi raġuni oħra li, biex inkun onest, ma rajthiex, qed inqerr miegħek, qed jgħid li hemm żewġ raġunijiet għalfejn dan l-Abbozz huwa *Money Bill*."

Kien hawnhekk imbagħad li d-Deputat Prim Ministru Louis Grech indika t-8 ta' Marzu bħala d-data tas-seduta Parlamentari li fiha kellha tiġi diskussa l-ġudikatura. Kien hawnhekk illi l-Onor. David Agius staqsa lill-Ministru, u nikkwotah:

> "Ministru, jien qed nifhem li inti kellek bejn sagħtejn u tliet sigħat diskussjoni mal-Onor. Jason Azzopardi dwar dawn iż-żewġ liġijiet."

Hawnhekk kienet qed issir referenza kemm għall-Abbozz ta' Liġi tal-Onor. Jason Azzopardi u l-Abbozz li għandu jippreżenta l-Gvern u li diġà sar l-Ewwel Qari tiegħu. Hawnhekk l-Onor. David Agius qal hekk, u nikkwotah:

> "Aħna ġejna hawnhekk fl-aħħar House Business Committee u waqafna milli mmorru għal dibattitu għaliex kien hemm il-ħsieb li l-Onor. Bonnici flimkien mal-Onor. Azzopardi jiltaqgħu u jsibu *a way forward* u jien qed nifhem li ltaqgħu. Waqt din il-laqgħa pożittiva ħafna, dan il-punt il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali qalx bih u tkellimx mal-Onor. Azzopardi? Iva jew le, ħalli din nara ġietx *cleared*."

Kien hawnhekk li l-Ministru Owen Bonnici qal hekk:

> "L-għan ta' dik il-laqgħa kienet li jien nispjega lil Dr Azzopardi r-raġunijiet tal-Bill tagħna, tal-Gvern, fejn irridu mmorru, nispjega tliet punti ta' tibdil Kostituzzjonali li rrid ngħid li għalkemm ma qbilniex fuq kollox, qbilna fuq 95% ta' dak li pproponejna. Jiġifieri t-taħdita kienet dwar x'qed jipproponi l-Gvern, ma kenitx dwar xi pproponiet l-Oppożizzjoni għax l-Oppożizzjoni sintendi naf li għandha ħafna avukati fi ħdanha u naf li huma kienu jafu li meta qed jipproponu żieda fil-pensjoni, kif qed jagħmlu, effettivament ...."

Hawnhekk qam l-Onor. David Agius li qal hekk:

> "Mr Speaker, m'hemmx għalfejn naħlu l-ħin ta' dan il-Kumitat. M'għandix f'moħħi li naħli l-ħin tiegħi u ta' ħadd. Jien lill-Ministru qed ngħidlu ċar; aħna ġejna hawnhekk fl-aħħar seduta u kellna lill-Ministru jgħidilna li jrid jaqbel magħna u joħroġ idejh ta'

ħbiberija u biex jipprova jsib soluzzjoni biex naslu. Jien qed nistaqsi: Fil-ħinijiet kollha li qed jagħmlu jiddiskutu, il-Ministru qajjimha din il-materja mal-Onor. Azzopardi jew ma tkellmu xejn dwarha, biex isibu *a way forward*?"

Aktar 'il quddiem imbagħad is-Sedja staqsiet lill-Ministru u qalet hekk:

"Kollox sew. Ministru, ħu paċenzja, dalwaqt nagħtik il-kelma. Jien spjegajt – forsi ma spjegajtx ruħi biżżejjed – li meta marret għall-pubblikazzjoni, aħna, jiġifieri l-uffiċċju tagħna, bilfors ried jibgħat kull pubblikazzjoni għand l-Avukat Ġenerali biex naraw tirrikjedix .... L-uniku komunikazzjoni li kelli kienet illum stess fejn irċevejtha fit-3.30 p.m."

Hawnhekk il-Ministru Owen Bonnici qal hekk:

"Aħna ddiskutejna l-emendi li għandu f'moħħu jagħmel il-Gvern, li biex isiru jrid ikun hemm kemm jista' jkun kunsens tal-Kamra għax hemm minnhom jolqtu d-*due terzi* tal-Kamra, jiġifieri biex jidħlu jrid ikun hemm vot ta' *two thirds majority* u d-diskussjoni kienet fuq il-*Bill* tal-Gvern, xi jrid jagħmel il-Gvern. U rrid ngħid li fuq 95% tal-affarijiet irreġistrajna progress u *I'm looking forward* li fit-8 ta' Marzu nibdew id-dibattitu u jekk Alla jrid, jiġi reġistrat progress għall-ġid tal-poplu kollu *at the end of the day*."

Hawnhekk reġa' qam l-Onor. David Agius u qal hekk:

"Le, xi proposta tagħna, proposta tal-Gvern. Aħna ma naqblux u aħna tal-Oppożizzjoni qed inħossu li din għandha ssir nhar il-Ħamis li ġej f'ħin li huwa dedikat għall-Oppożizzjoni skont *ruling* li jingħata hawn."

Kien hawnhekk allura li l-*Whip* tal-Gvern, l-Onor. Godfrey Farrugia, qal hekk:

"Fuq dak li tkellem il-Ministru, dakinhar konna ddeċidejna li għandhom jiltaqgħu t-tnejn li huma, il-Ministru Owen Bonnici u l-Onor. Jason Azzopardi biex jaraw il-kontenut tal-Abbozz li kien se jitressaq min-naħa tal-Gvern u biex b'hekk insibu l-art, biex ngħid hekk, komuni bejn iż-żewġ naħat. Sa fejn naf jien dik kienet id-direzzjoni. Issa għadu kemm tqajjem punt min-naħa tal-Onor. David Agius dwar il-possibbiltà li jiddiskutu l-mozzjoni tagħhom, il-*private members bill*, f'seduta urġenti tal-Ħamis."

Kien hawnhekk li l-Onor. David Agius qal:

"Meta huwa d-dritt tal-Oppożizzjoni li tressaq xogħol tal-Oppożizzjoni skont l-i*Standing Orders* tal-Kamra."

Hawnhekk l-Onor. Godfrey Farrugia kkoreġa lill-Onor. David Agius u qal hekk:

"Sa fejn naf jien, id-darba li jmiss huwa tan-naħa tal-Gvern."

Imbagħad l-Onor. David Agius, aktar tard qal:

"Allaħares naċċettaw dan il-parir tal-AĠ, inkella l-ebda Oppożizzjoni ma tista' tressaq *bill*."

Imbagħad hawnhekk l-Onor. Godfrey Farrugia wieġeb:

> "*Money Bill*."

Aktar tard il-Ministru Owen Bonnici qal hekk:

> "Hawnhekk għandna parir li hawnhekk *si tratta ta' Money Bill.* Biex tibda diskussjoni trid *go-ahead* mill-President, hemm raġuni għalfejn, issa nispjegaha biex ma naħlix il-ħin tal-Kamra, li l-President irid jaġixxi fuq parir tal-Kabinett. Il-Kabinett diġà għandu l-*bill* tiegħu u l-parti tan-nomina u l-ħatra ta' ġudikanti; hemm affarijiet li ma naqblux mal-Oppożizzjoni."

Imbagħad il-Ministru Owen Bonnici kompla jgħid, u nikkwota:

> "L-aħħar darba li ltqajna hawnhekk jien għedt li se nagħmlu data fejn jibda d-dibattitu – u din qalha nhar il-Ħadd il-Kap tal-Oppożizzjoni li jrid li d-dibattitu jibda l-Ħamis, però rajt ir-rappurtaġġ fuq il-gazzetti – u llum smajt il-ħabib tiegħi jgħid li jixtieq li d-dibattitu jibda nhar il-Ħamis. Jien qed ngħid hawn dan il-parir tal-Avukat Ġenerali li peress li l-Oppożizzjoni għażlet hi, ħadd ma ġegħelha, li tagħmel *Money Bill,* għandha problema legali għax ma tistax tibda *Money Bill."*

Kien hawnhekk li l-Ministru Owen Bonnici imbagħad qal hekk, u nikkwota:

> "Jien qed ngħid kieku l-Oppożizzjoni tirtira l-mozzjoni, tneħħi dik il-parti li tirrendiha *Money Bill,* terġa' tressaqha 'l quddiem, hemmhekk nistgħu nitkellmu fuq data fejn jibda d-dibattitu. Nista' nkun iktar raġonevoli minn hekk? Qed ngħidlek x'inhi s-soluzzjoni! Qed niftaħlek għajnejk! Irtira l-*bill,* neħħi dik il-biċċa li rrendietha *Money Bill* u jekk trid erġa' ppreżenta *bill* ieħor, imma kif inhi llum ma tistax tibqa' għaddej."

Hawnhekk l-Onor. David Agius qal hekk:

> "Nhar il-Ħamis huwa xogħol tal-Oppożizzjoni u aħna għandna dan il-*bill* quddiemna u niddiskutuh nhar il-Ħamis. Issa jekk il-Gvern ma jridx, jien lest nitlob *ruling*."

Hawnhekk is-Sedja qalet hekk:

> "Kollox sew. Se nagħmel referenza għal *Standing Order 69 u Standing Order 70.* Jekk ma jimpurtax, segwuni ftit. Meta jkun hemm xogħol finanzjarju, ħlief fuq rakkomandazzjoni tal-President ta' Malta murija minn ministru, il-Kamra m'għandhiex timxi 'l quddiem dwar xi abbozz ta' liġi kif ukoll emenda għal abbozz ta' liġi li fil-fehma tal-persuna li tkun tippresjedi fil-Kamra jipprovdi biex isir jew tiżdied xi taxxa biex isir jew jiżdied xi piż fuq id-dħul jew fondi oħra ta' Malta, jew dwar it-tibdil ta' xi piż bħal dak ħlief fejn jiġi mnaqqas jew dwar ftehim jew maħfra ta' xi dejn dovut lil Malta. Timxi 'l quddiem dwar xi mozzjoni, inkluż xi emenda għall-mozzjoni li l-effett tagħha, fil-fehma tal-persuna li tkun qed tippresjedi fil-Kamra, ikun li jagħmel jew tagħmel provvediment dwar xi wieħed mill-finijiet imsemmija qabel u tirċievi xi petizzjoni fil-fehma tal-persuna li tkun tippresjedi l-Kamra, teħtieġ li jsir provvediment għal xi wieħed mill-iskopijiet imsemmija qabel.

Imbagħad hemm l-i*Standing Order 70*. Kif tiġi komunikata rakkomandazzjoni tal-President ta' Malta. Kull rakkomandazzjoni tal-President ta' Malta tiġi komunikata minn ministru kif se jingħad: L-Eċċellenza Tiegħu, jew l-Eċċellenza Tagħha, il-President ta' Malta billi jiġi mgħarraf bis-suġġett tal-abbozz ta' liġi propost jew vot jew riżoluzzjoni, jirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra u dan għandu jiġi hekk imniżżel fil-Minuti tal-Kamra, imma dik hija l-proċedura. Jiġifieri aħna marbutin ma' din il-proċedura.

Għandna dan il-parir tal-Avukat Ġenerali fejn qed jgħid li qed jagħmel referenza għall-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni f'artikolu 73 hija r-restrizzjoni ta' ċerti miżuri finanzjarji sa fejn naf jien."

Wara li sar dan l-intervent tas-Sedja l-Onor. David Agius qal hekk:

"Il-parir tagħna bħala Parlament neħduh mingħand l-avukati tal-Parlament *se mai,* mhux mingħand Avukat tal-Gvern. *At the end of the day* jekk inti ma tridx timxi mal-proċedura li nhar il-Ħamis huwa xogħol tal-Oppożizzjoni, tinkwetax, aħna nitolbu *ruling* u nitolbu li dawn l-affarijiet jittieħdu skont ir-*ruling* tiegħek.

Hawnhekk imbagħad id-Deputat Prim Ministru Louis Grech qal hekk:

"Jekk fhimtek sew, il-proċedura mhijiex xi ħaġa li għażilt inti li tagħmilha. Kull *bill* li jkun hemm tibagħtuh għand l-AG, hija prassi normali, mhijiex kwestjoni li int għażilt li tmur għand l-AG. Jiġifieri din hija bilfors li inti għandek tagħmel hekk. Il-proċedura tgħidlek trid tibgħatha għand l-AG, irrispettivament jekk hux l-Avukat tal-Gvern jew le, u l-AG jagħtik l-opinjoni tiegħu. Din hija mhux f'dan il-każ biss. Dan huwa każ li beda jsir prassi, din hija l-proċedura, mhux għax għażilt int din id-darba. Din il-proċedura naħseb trid tiġi *cleared.*"

Imbagħad l-Onor. Godfrey Farrugia fuq dan il-punt reġa' qal hekk:

"Jien għandi fehma differenti dwar il-Ħamis. Forsi se naqbeż suġġett, kontenut ieħor bħala parentesi. Il-proċedura fhimnieha, għallinqas hija ċara f'moħħi li intom min-naħa tagħkom tridu tmorru għand l-AG u l-AG jgħidilkom jekk hux *Money Bill* jew le u dan huwa *Money Bill,* allura jrid imur quddiem il-Kabinett. Il-proċedura minn dak l-aspett hija ċara.

Il-ħaġa l-oħra li mhijiex ċara hi ta' min imiss is-seduta l-Ħamis li ġej. Jekk m'iniex sejjer żball, l-ewwel ħaġa teżisti l-proċedura li nalternaw minn Ħamis għall-ieħor, daqqa Gvern u daqqa l-Oppożizzjoni. L-ewwel waħda li kienet ittieħdet kienet min-naħa tal-Gvern fil-bidu ta' din il-leġiżlatura, imbagħad ittieħdet oħra f'Novembru li għadda li kien imiss l-Oppożizzjoni, fejn dakinhar ....."

Hawnhekk is-Sedja rrimarkat biex niċċekkjaw dawn id-dati. Imbagħad l-Onor. Godfrey Farrugia qal hekk:

"Mr Speaker, ma niftakarx id-data eżatt, imma kienet għal nofs Novembru. Dakinhar f'nofs Novembru ddiskutejna, kellna diffikultà hawnhekk, kellna żewġ abbozzi, it-tnejn tad-diżabilità, wieħed ippreżentat mill-Onor. Stephen Spiteri u l-ieħor ippreżentat mis-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana u ddeċidejna li l-ġurnata tal-

Ħamis niltaqgħu – mingħalija kien filgħodu wkoll – u niddiskutu ż-żewġ abbozzi f'daqqa, nibdew b'wieħed u nkomplu bl-ieħor u sa fejn naf jien, qegħdin fi stadju ta' Kumitat dwarhom. U dik kienet il-ġurnata li jmiss tal-Oppożizzjoni u l-kompromess kien hekk. Allura l-Ħamis li jmiss huwa dak tal-Gvern."

Imbagħad l-Onor. Louis Grech talab lis-Sedja li forsi wieħed jilħaq kompromess u qal hekk:

"Naħseb se nieħu spunt milli qal l-Onor. Bonnici, fejn hu qal li jekk ikun hemm preżentat *bill* ieħor li jeskludi dik il-parti li qisha *Money Bill,* allura mbagħad fit-8 ta' Marzu nkunu disposti li jiġu diskussi ż-żewġ abbozzi, kemm l-Abbozz tan-naħa tal-Oppożizzjoni kif ukoll l-Abbozz tan-naħa tal-Gvern. Allura b'hekk ikun qed jiġi diskuss *in toto* kemm min-naħa tagħkom kif ukoll min-naħa tagħna, iż-żmien huwa viċin, fit-8 ta' Marzu, qed ngħidu li se jkun it-Tlieta u naħseb b'dak il-mod insibu soluzzjoni għax finalment aħna rridu nsibu soluzzjoni għall-idea prinċipali għal riforma fil-Ġudikatura. Jiġifieri jekk iż-żewġ abbozzi t-tnejn għandhom riflessjoni ta' dak l-għan, allura f'dik il-ġurnata nkunu qed naraw intom tirtiraw u tneħħu dik il-parti fejn għandek li hija kkonsidrata *Money Bill*, imbagħad aħna nkunu f'pożizzjoni li niddiskutuh fit-8 ta' Marzu. Naħseb din hija proposta ġusta għaż-żewġ naħat."

Fil-fatt il-Ministru Owen Bonnici spjega u qal hekk:

"Aħna naqblu li l-età minn 65 sena titla' għal 68 sena, però *that makes our Bill a Money Bill as well.* Sintendi l-Kabinett se jagħti parir lill-President biex jagħti permess lill-Ministru, f'dan il-każ jiena ... *"*

Imbagħad iktar tard il-Whip tal-Oppożizzjoni David Agius baqa' jinsisti li l-Ħamis jiltaqa' l-Parlament u x-xogħol ikun tal-Oppożizzjoni. Huwa qal hekk:

*"Item b* hija li jiġi diskuss dan il-*bill* tagħna. Ovvjament jekk nieħdu pariri, nieħdu pariri mill-avukati tal-Parlament!"

Imbagħad l-Onor. Louis Grech finalment qal hekk:

"Sur President, sewwa, intalab *ruling* fuq id-data tal-Ħamis, però minbarra d-data tal-Ħamis, l-importanza ta' din id-diskussjoni, allura dik tista' tagħti *ruling* fuqha, però huwa importanti li wieħed jistax jinjora dak id-dokument jew le! Irrispettivament jekk l-avukati tal-Parlament ... Arahom, ikkonsultahom kemm trid, dik hija prerogattiva tiegħek, però ma tistax tinjora x'qed jgħidlek l-Avukat Ġenerali!"

Hawnhekk is-Sedja rrispondiet immedjatament lid-Deputat Prim Ministru Louis Grech u qalet: "Fuq it-tieni waħda qed jintalab *ruling* ukoll?" U l-Onor. Louis Grech irrisponda: "Tiġi awtomatika."

Is-Sedja sejra l-ewwel tittratta dwar it-talba ta' ruling mill-Onor. David Agius dwar il-ġurnata tal-Ħamis, jekk fis-seduta tal-Ħamis imissx in-naħa tal-Oppożizzjoni jew in-naħa tal-Gvern. Fil-fatt is-Sedja tagħmel referenza immedjatament għall-Ordni Permanenti 8 (2) li jgħid:

"(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-ordni permanenti 7(3) xogħol ta' membri privati għandu jkollu preċedenza fuq xogħol tal-Gvern kull nhar ta' Ħamis alternattiv li fih tagħmel seduta l-Kamra."

Għalhekk is-Sedja ċċekkjat dwar is-seduti li ttieħdu fil-ġurnata tal-Ħamis u sabet dawn id-dati. Is-seduta 180 tas-17 ta' Lulju 2014 ittieħdet min-naħa tal-Gvern. L-aħħar seduta tal-Ħamis, Nru 328 fid-19 ta' Novembru 2015 kien imiss lill-Oppożizzjoni u dakinhar ġie diskuss l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) – Abbozz Nru 101 – ippreżentat mill-Onor. Stephen Spiteri. F'dik is-seduta wkoll ġie diskuss l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Emenda Nru 2) – Abbozz 115 – imressaq mill-Ministru Michael Farrugia u fid-diskussjoni ħadet sehem ukoll l-Onor. Justyne Caruana għan-naħa tal-Gvern. Fil-fatt fid-diskussjoni tal-Abbozz ta' Liġi mressaq mill-Onor. Stephen Spiteri kienu ħadu sehem l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Stephen Spiteri u l-Ministru Michael Farrugia, l-Onor. Godfrey Farrugia, il-Whip tal-Gvern, u l-Onor. Justyne Caruana. L-Onor. Stephen Spiteri kien talab lill-Kamra biex l-istadju tal-Kumitat ta' dan l-Abbozz jiġi trattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Is-Sedja xorta waħda, għalkemm tagħmel referenza għal diversi rulings li ngħataw fuq l-alternanza u kif għandha taħdem l-alternanza, diversi rulings li ngħataw mis-Sedja, inkluż is-Sedja preżenti, fosthom id-deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mill-iSpeaker Michael Frendo fis-seduta 505 tat-8 ta' Ottubru 2012, mill-iSpeaker Michael Frendo fis-seduta 315 tas-16 ta' Frar 2011, mill-iSpeaker preżenti fis-seduta 178 tas-16 ta' Lulju 2014, mill-iSpeaker preżenti fis-seduta 179 tas-17 ta' Lulju 2014, u l-aħħar wieħed mill-iSpeaker preżenti fis-seduta 235 tat-3 ta' Frar 2015, u deċiżjoni oħra fuq l-istess binarju mill-iSpeaker l-Onor. Louis Galea fis-seduta 75 tas-26 ta' Jannar 2009 dwar l-alternanza, fejn hija ċara li s-seduta tkun waħda għall-Gvern u waħda għall-Oppożizzjoni u dejjem jalternaw.

Fuq dan il-punt is-Sedja, bi preċiżjoni għal dawn id-deċiżjonijiet kollha ċċitati reġgħet ħadet parir indipendenti dwar l-alternanza. Il-parir li ngħatat is-Sedja huwa ċar, illi t-tifsir u l-applikazzjoni tal-Ordni Permanenti 8 (2) dwar l-alternanza għandha tkun stretta u ma tistax tiġi miftiehma mod ieħor: Ġurnata ta' xogħol għall-Gvern u wara ġurnata ta' xogħol għall-Oppożizzjoni għal dak li jirrigwarda l-Ħamis.

Fil-fatt is-Sedja rat ukoll il-Minuti tal-Kumitat Permanenti dwar ix-xogħol tal-Kamra tal-laqgħa 31 li nżammet fis-16 ta' Novembru 2015 fejn hemm indikat li fis-seduta ta' nhar il-Ħamis 19 ta' Novembru 2015, li kienet is-seduta li jmiss lill-Oppożizzjoni, għandha tkompli d-diskussjoni fi stadju tat-Tieni Qari dwar l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni B'Diżabilità) – Abbozz 101 – u l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni B'Diżabilità) – Abbozz 115 – bil-ħin jinqasam l-istess bħal dak tas-seduta tal-Erbgħa 18 ta' Novembru 2015.

Għalhekk is-Sedja fuq dan il-punt tal-Ħamis, jekk kemm-il darba qed nitkellmu fuq il-Ħamis li ġej, ċjoè għada, jew xi Ħamis ieħor, is-seduta li jmiss għandha tkun allokata għan-naħa tal-Gvern. Dan apparti wkoll il-fatt li s-Sedja fl-ebda mument ma tista' hi tordna *ex officio* biex issir is-seduta tal-Ħamis jekk kemm-il darba ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet, li f'dan il-każ m'hemmx ftehim, u dan peress illi, fin-nuqqas ta' ftehim allura hija n-naħa tal-Gvern li trid titfa' l-aġġornament tagħha fis-seduta tal-Ħamis.

Dwar il-kwestjoni l-oħra jekk l-Att innifsu, il-*private members bill* tal-Onor. Jason Azzopardi jistax jitkompla fit-Tieni Qari meta hemm il-parir tal-Avukat Ġenerali, li ġie moqri waqt il-House Business Committee li sar ilbieraħ, li għandu bżonn il-messaġġ tal-President fuq żewġ raġunijiet li semma l-Avukat Ġenerali, waħda peress li għandek żieda fir-retirement age tal-

Imħallfin u l-Maġistrati, imbagħad għandek ukoll il-kwestjoni tal-ħolqien ta' awtorità kif huwa indikat fl-istess abbozz b'referenza għall-artikolu 2 tal-istess Abbozz li jaqra hekk:

> "**2.** (1) Għandu jkun hemm Awtorità dwar l-Għażla għas-Servizzi Ġudizzjarji, hawn iżjed il quddiem imsejħa "l-Awtorità"."

is-Sedja ħadet parir indipendenti dwar dan il-punt fejn il-parir li ngħata huwa li l-*linea massima* meta hekk imsejjaħ *money bill*, għal kwalunkwe raġuni li jasal biex jiġi mitqies *money bill* biex jitressaq fil-Parlament, irid jitressaq biss b'rakkomandazzjoni tal-President ta' Malta. Dan huwa neċessarju għaliex fl-aħħar mill-aħħar huwa l-Gvern li jfassal il-politika finanzjarja ta' Malta u l-Parlament japprova jew jiddisapprova. Kull abbozz li b'xi mod jinċidi fuq l-ispiża tal-Gvern jew fid-dħul tal-Gvern billi jissuġġerixxi l-impożizzjoni ta' taxxa ġdida huwa *money bill* jew *charge* u jeħtieġ li jitressaq minn Ministru u mhux minn Membru ieħor tal-Kamra. Dan huwa l-parir indipendenti li ngħata lis-Sedja wara l-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra.

Irid jingħad li l-Onor. David Agius, ġustament qajjem il-punt li kien hemm okkażjoni fejn kien sar Att biex jemenda l-Kostituzzjoni fejn dan l-Att, li huwa l-Att 14 tal-2007, fejn hemmhekk kien hemm li jiżdied iż-żmien sa meta jistgħu jaħdmu l-imħallfin, ċjoè minn 60 sena għal 65 sena, u ma kienx hemm il-ħtieġa li jkun hemm il-messaġġ tal-President. Semma wkoll l-Onor. David Agius każ ieħor tal-Onor. Justyne Caruana, fejn fil-każ tal-Onor. Justyne Caruana, skont l-Onor. David Agius, kienet ressqet abbozz sabiex il-Qorti Superjuri f'Għawdex ikollu mħallef sedenti u wkoll ma kienx hemm il-ħtieġa tal-messaġġ tal-President. Is-Sedja rat dawn iż-żewġ stanzi li rrefera għalihom l-Onor. David Agius u fil-fatt mill-każ tal-aħħar biex nibda minn dik li semma fuq l-Onor. Justyne Caruana, illum Segretarju Parlamentari, fil-fatt ma kienx abbozz imma kienet mozzjoni sabiex il-Qorti Superjuri f'Għawdex ikollha mħallef sedenti u allura ma kienx hemm bżonn tal-messaġġ tal-President. Dwar l-Abbozz 14 li semma l-Onor. David Agius, is-Sedja rat ir-rekords tal-Parlament u kif qal hu, fil-fatt ma kienx ingħata l-messaġġ tal-President, però li ġara hu li bħalma ġara f'kull każ ieħor u bħalma għamlet is-Sedja bi proċedura stabbilita, l-abbozz, jintbagħat għand l-Avukat Ġenerali, u f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali kiteb lill-Clerk of the House fejn qal; "*The attached Bill does not require a Presidential message*" u allura effettivament dan l-abbozz, korrettament, kif qal l-Onor. David Agius, ma kienx jeħtieġ il-messaġġ tal-President.

Irid jingħad ukoll li f'kull każ l-abbozz jintbagħat għand l-Avukat tar-Repubblika, bħalma ntbagħat fl-2007 u f'okkażjonijiet oħra ta' għexieren ta' snin, dejjem jintbagħat għand l-Avukat Ġenerali, l-istess ħaġa ġara f'dan il-każ. Li ġara wkoll hu li l-parir tal-Avukat Ġenerali, f'dan il-każ partikolari, huwa maqsum f'żewġ binarji, fejn għandek waħda dwar il-kwestjoni taż-żieda taż-żmien tal-irtirar u wkoll l-istabbiliment ta' awtorità li semma fil-parir tiegħu l-Avukat Ġenerali. Għalhekk is-Sedja għamlet ukoll riċerka biex tara jekk meta jkun hemm ħolqien ta' awtorità ikunx hemm allura wkoll il-ħtieġa tal-messaġġ tal-President. Fil-fatt mir-riċerka li għamlet mis-sena 2000 sa din is-sena nħolqu 11-il awtorità.

Dawn huma l-Malta Resources Authority fl-2000 bl-Abbozz 76 fis-seduta 348 fejn kien hemm il-bżonn tal-messaġġ tal-President, il-Malta Communications Authority fis-sena 2000 bl-Abbozz 71 li sar fis-seduta 292 u kien hemm il-ħtieġa tal-messaġġ tal-President, il-Lotteries and Gaming Authority fis-sena 2001, bl-Abbozz 141 fis-seduta 622 u kien hemm ukoll il-ħtieġa tal-messaġġ tal-President, il-Malta Council for Economy and Social Development fl-2001, bl-Abbozz 99 fis-seduta 521 u kien hemm bżonn il-messaġġ tal-President, il-Malta Transport Authority fl-2009, bl-Abbozz 28 fis-seduta 131 u kien hemm

bżonn il-messaġġ tal-President, l-Awtorità dwar il-Health & Safety fuq il-Postijiet tax-Xogħol tas-sena 2000, bl-Abbozz 63 fis-seduta 384 u kien hemm bżonn il-messaġġ tal-President, is-Superintendence of Cultural Heritage tas-sena 2002, bl-Abbozz 137 fis-seduta 613 u kien hemm bżonn il-messaġġ tal-President, l-Awtorità tat-Turiżmu tas-sena 1999/2000, bl-Abbozz 16 fis-seduta 88 u kien hemm bżonn il-messaġġ tal-President, l-Awtorità dwar l-Ambjent tal-2016, bl-Abbozz 108 fis-seduta 286 u kien hemm bżonn il-messaġġ tal-President, id-Development Planning Authority tal-2016, bl-Abbozz 107 fis-seduta 287 u kien hemm bżonn il-messaġġ tal-President, Environmental and Planning Review Tribunal tal-2016, bl-Abbozz 109, fis-seduta 292 u kien hemm bżonn il-messaġġ tal-President.

F'kull każ meta kien hemm awtorità li qed tiġi fformata dejjem kien hemm il-bżonn u l-ħtieġa tal-messaġġ tal-President, li jirrendi allura l-abbozz li huwa *money bill*. Għaldaqstant is-Sedja rat ukoll id-definizzjoni ta' x'jikkomponi u x'inhuwa *money bill* u dan b'referenza wkoll għal dak li huwa segwit fir-Renju Unit, in partikolari għall-Artikolu 1 tal-Parliamentary Act li jipprovdi definizzjoni tal-*money bill* u dan kif ukoll indikat fl-istess Att li jgħid:

> "*A Money Bill means a public bill which in the opinion of the Speaker of the House of Commons contains only provisions dealing with all or any of the following subjects, namely, the imposition, repeal, remission, alteration or regulation of taxation; the imposition for the payment of debt or other financial purposes of charges on the Consolidated Fund, the National Loans Fund, or on money provided by Parliament or the variation or repeal of any such charges, supply; the appropriation, receipt, custody, issue or audit of accounts of public money; the raising of guarantee of any loan or the repayment thereof; or subordinate matters incidental to those subjects or any of them. In this subsection the expressions "taxation," "public money" and "loan" respectively do not include any taxation, money, or loan raised by local authorities or bodies for local purposes".*

L-istess mill-Parlament Irlandiż, fejn l-ebda *money bill* ma tista' timxi jekk ma jkunx hemm il-firma tal-President: "*The President of Ireland may not refuse to sign a money bill*". L-istess pożizzjoni fil-pajjiżi tal-Commonwealth, bħal pereżempju fl-Indja fejn l-iSpeaker: "*The Lok Sabha Speaker certifies the bill as money bill before sending it to the Upper House and the decision of the Speaker is binding on both the Houses*.". Kif wasal li wieħed jiddefinixxi *money bill* toħroġ ukoll mill-pożizzjoni tal-Parlament tal-Awstralja [1] fejn fuq dan il-punt jgħid:

> '*... a bill which does not have the word "appropriation" in its title may still be an appropriation bill...*'

u jkompli:

> '*No appropriation bill can be passed unless the purpose of the appropriation has been recommended by a message from the Governor General ...*'

u dan proprju huwa l-każ in eżami.

Illi f'kull każ għalhekk dan l-abbozz ma jistax ikun prosegwibbli biex jimxi għat-Tieni Qari qabel ma jkollu l-messaġġ tal-President, kif effettivament issa huwa indikat ċar kemm fil-

[1] Infosheet 10 – The budget and financial legislation. Parliament of Australia

parir tal-Avukat Ġenerali, skont proċedura li ilha tiġi segwita minn kull Sedja f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin. Barra minn dan, is-Sedja ħadet ukoll parir legali indipendenti, kif diġà ngħad f'dan ir-*ruling*, fuq dan il-punt.

Jibqa' l-punt l-ieħor, ċjoè jekk il-Membru Parlamentari, f'dan il-każ l-Onor. Jason Azzopardi, jistax hu jkompli jmexxi Abbozz li jeħtieġ il-Messaġġ tal-President. Dan huwa punt importanti ta' proċedura li wieħed għandu jidħol fih. Is-Sedja ħadet nota tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal persuni b'diżabilità – Abbozz – 101 li kien ressaq l-Onor. Stephen Spiteri fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, li għalkemm ma kienx imressaq minn Ministru kien ingħata l-Messaġġ tal-President. Madankollu wieħed irid jinnota li biex dan l-Abbozz tressaq fil-Kamra kien hemm il-qbil fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra li dan isir, u allura, għalkemm il-Parlament huwa marbut ma' dak li jgħidu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, preċiżament f'dawk l-ordnijiet permanenti ċċitati aktar kmieni, OP 69 dwar Rakkomandazzjoni mill-President ta' Malta meta tkun meħtieġa u OP 70 Kif tiġi komunikata rakkomandazzjoni tal-President ta' Malta, li f'dan il-każ ma huwiex isir minn Ministru iżda minn Membru Parlamentari, però dan ġie ssanat mill-fatt illi kien hemm laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra qabel ma ngħata dan il-kunsens fejn kien hemm il-qbil li dan seta jsir. Allura l-fatt illi dan l-abbozz ġie diskuss fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra kien hemm il-qbil li dan jista' jsir peress illi dak li jiġi deċiż fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra jirregola lill-istess Kamra.

Irid jingħad ukoll, però, li meta kien hemm dak l-abbozz kien hemm ukoll abbozz imressaq min-naħa tal-Gvern, Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att Dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni B'diżabilità) (Emenda Nru 2) (Abbozz 115) li mexa miegħu u kien imressaq minn Ministru, f'dan il-każ il-Ministru għall-Familja u l-Affarijiet Soċjali, l-Onor. Michael Farrugia.

Dwar il-punt jekk Membru privat li ma huwiex membru tal-Kabinett jistax iressaq *money bill*, is-Sedja daħlet ukoll f'dak li kien deċiż fil-Parlament Ingliż. Mir-riċerka li għamlet is-Sedja, fl-Erskine May (24 Edizzjoni), paġna 542 dwar jekk Membru Parlamentari jistax iressaq *money bill* bħala prinċipju, jingħad li:

> "*A private member may not bring in or move for leave to bring in a bill of which the main object is to create a charge by way of taxation or expenditure*."

Però, l-Erskine May jgħid ukoll illi hemm ċerti eċċezzjonijiet, bħal f'każijiet ta' trattament ugwali ta' ċerti pensjonijiet, u fil-fatt f'paġna 543 ikompli billi jgħid li:

> "*... a private member has nonetheless been permitted to bring in a bill to provide for the equal treatment of certain military pensions* – pereżempju – *some of which were paid at a higher rate*".

Hawn qiegħed jirreferi għall-każ li nqala' fl-2007 u fl-2008 fil-każ tal-Forces Widows Pensions (Equality of Treatment) Bill li kienet *private members' bill* li saret fl-2007-2008.

Għalhekk is-Sedja qiegħda tiddeċiedi billi għal dak li ntalab min-naħa tal-Onor. David Agius kif ukoll min-naħa tal-Onor. Louis Grech sabiex is-Sedja tagħti *ruling* dwar il-ġurnata tal-Ħamis skont l-Ordni Permanenti 8 (2), ċjoè jekk imissx seduta għan-naħa tal-Oppożizzjoni jew in-naħa tal-Gvern, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li meta jmiss tittieħed il-ġurnata tal-Ħamis imiss seduta għan-naħa tal-Gvern.

Dwar il-kwestjoni jekk l-Abbozz imressaq mill-Onor. Jason Azzopardi fih innifsu jistax jibqa' miexi għat-Tieni Qari mingħajr ma jmur għall-messaġġ tal-President, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li ma jistax ikun prosegwibbli qabel ma jkun hemm ir-rakkomandazzjoni, ċjoè l-Messaġġ tal-President, sabiex dan ikun jista' jsir.

Ir-*ruling* huwa deċiż.